**Minuti tal-Laqgħa nru 47 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa b'urġenza għal nhar it-Tnejn 13 ta' Settembru 2010 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.25 | 7.50 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.25 | 7.50 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.33 | 7.50 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.25 | 7.50 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.45 | 7.50 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.35 | 7.50 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.15 | 7.50 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.25 | 7.50 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.25 | 7.50 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | skużat | - |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | skużata | - |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsillieri John Mary Camilleri u Nicola Fenech Adami kienu bagħtu komunikazzjoni fejn qed jitolbu li jiġu skużati milli jattendi. Il-Kunsill aċċetta t-talba tal-Kunsillieri konċernati.

Fil-bidu tas-seduta tqassmu l-listi li juru kif kienu ingħataw il-punti mill-membri tas-sotto kumitat dwar in-nomini li kenu daħlu dwar Gieħ il-Mosta.

Ftit tal-minuti wara li bdiet il-laqgħa daħal il-Kunsillier Demartino u rrimarka li l-laqgħa kienet bdiet qabel il-ħin avżat. Dawk li kienu prezenti kollha ikkonfermaw li l-laqgħa kienet bdiet eżattament fis-7.30pm kif kien avżat.

Hawnhekk is-Sindku qal li kien ser jerġa' jirrepeti dak li kien beda jgħid u dan għal benefiċċju tal-Kunsillier Demartino.

### 1.00 Gieħ il-Mosta

1.01 Is-Sindku qal li qed jissuġġerixxi li ċ-ċirkostanzi li kienu seħħew matul din is-sena, u b' mod partikolari f' dawn l-aħħar ftit ġimgħat, għandhom jitqiesu bħala straordinarji, *u peress li dan il-ġieħ is-sena l-oħera ngħatax,* għalhekk qed jipproponi lill-Kunsill li din is-sena l-onorefiċenza Gieħ il-Mosta jinghata lil aktar minn tlett persuni u dan sabiex il-Gieħ jingħhata wkoll lill-persuni li kienu mejtin u li kienu ġew ukoll nominati. Is-Sindku kompla jgħid li l-persuni li għandhom jingħataw dan il-Gieħ għandhom ikunu Charles Abela li dejjem ħadem għal ġid tal-Mosta *fil-qasam sportiv*, Mario Farrugia u Mario Dimech li ħallew ħajjithom *matul l-aħħar sena* b' konnessjoni mal-logħob tan-nar tal-festa tar-raħal, Charles "City" Gatt li għamel unur lill-Mosta u lill-Malta mad-dinja kollha *fil-qasam tal-muzika jazz*, u lill-Joe Bartolo tax-xogħol filantropiku li jwettaq, fosthom it-twaqqif tar-Razzett tal-Markiż.

1.02 Il-Kunsillier Demartino qal li kien veru li dawn il-persuni kollha kien ħaqqhom li jingħataw Gieħ l-Mosta, biss jekk il-Kunsill jagħmel dan – jiġifieri li jagħti dan l-unur lill-

ħames persuni li kien għadu kif semma s-Sindku, ikun qed imur kontra r-regolamenti li kien għamel u approva hu stess fis-seduta tal-4 ta' Awwissu li għadda. Qal ukoll li jekk il-Kunsill jibqa' jagħti għadd ta' unuri f' daqqa, għad jasal żmien fejn ma jkunx fadal aktar persuni sabiex jingħataw dan l-unur. Il-Kunsillier Demartino qal ukoll li l-Kunsill għandu joqgħod attent ukoll li ma jagħtix ħafna unuri f' daqqa, għax b' hekk ikun qed inaqqas mill-preġju tal-istess unur. Huwa temm jgħid li fid-dawl ta' dak li kien għadu kif qal, il-Kunsill, għal din is-sena, kellu jonora lil dawk il-persuni nominati u li kienux għadhom magħna.

1.03 Il-Kunsillieri Sammut u Grech qalu li huma jqisu l-avvenimenti li ġraw matul din is-sena bħala straordinarji, u għalhekk jaqblu ma' dak li kien issuġġerixxa s-Sindku fil-bidu tal-laqgħa.

1.04 Il-Kunsillier Agius qal li huwa kien jaqbel ma' dak li kien qal il-Kunsillier Demartino biss iħoss ukoll li dan l-unur għandu jingħata wkoll lil dawk il-persuni li huma ħajjin, u għalhekk jaqbel li għal din is-sena jingħataw ħames unuri.

1.05 Il-Kunsillier Mifsud qalet li hija ma kellha xejn kontra ħadd, u għalhekk l-unur għandu jingħata lil dawk il-persuni li l-Kunsill jidhirlu xieraq, u li jkun hemm qbil fuqhom.

1.06 Wara li saru dawn il-kummenti, il-Kunsill approva b' mod unanimu li għal din is-sena, minħabba ċirkostanzi straordinarji l-onoreficenza Ġieħ il-Mosta jingħata lil Charles Abela, Mario Farrugia , Mario Dimech, Charles Gatt u Joe Bartolo.

1.07 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kienet inġiebet stima waħda għal xiri ta' tlett midalji u li din kienet diġa' ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti, u għalhekk il-Kunsill ma kienx f' pożizzjoni li jordna aktar midalji u dan minħabba li ma kienx għad fadal żmien biex tiġi segwita l-proċedura skont memo 70/2009 peress li s-serata kienet ser issir fis-16 ta' Settembru – (tlett ijiem wara din is-seduta). Hu qal li l-Kunsill ma setax imur kontra l-proċeduri finanzjarji li jirregolaw il-Kunsilli Lokali.

1.08 Is-Sindku filwaqt li qabel ma dak li kien għadu kif qal l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li sabiex il-Kunsill ikun konformi mal-prodeċuri finanzjarji kien ser jiffinanzja personalment ix-xiri taż-żewġ midalji l-oħra. Il-Kunsill approva dak li qal is-Sindku.

1.09 Is-Segretarju qal li kienu nġiebu żewġ stimi dwar il-kiri ta' PA system għal matul is-serata - li kienu waħda ta' ewro 194.70 mingħand Sound Solutions, u oħra ta' ewro 280.00 mingħand A-Sound. Il-Kunsill approva dik tas-Sound Solutions għax kienet l-orħos.

1.10 Is-Sindku qabel ma għalaq il-laqgħa ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament għax-xogħol li kien twettaq mis-sotto kumitat rigward l-għoti ta' Ġieħ il-Mosta.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.50p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Ċini
Aġent Segretarju Eżekuttiv